# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Frar, 2016**

Talba Numru: 768/2011JB

Kawza Numru: 8

**Frankie Zammit**

***vs***

**Kunsill Lokali San Gwann**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-12 ta' Settembru 2011 li permezz tieghu l-Attur talab li l-Kunsill Lokali Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u ghoxrin euro u sebgha u tmenin centezmu (€720.87) u dan in linea ta' risarciment ta' danni minnu allegatament sofferti nhar l-4 ta' April 2011 ghall-habta tad-9pm meta waqt li kien qieghed isuq il-vettura tieghu tat-tip Ford Focus bin-numru ta' registrazzjoni SIR080 fi Triq San Giljan gewwa San Gwann, sofra hsarat fl-istess vettura liema danni qieghed jattribwihom ghal traskuragni, negligenza u imperizja tal-Kunsill Lokali Konvenut. Talab ukoll l-ispejjez inkluz dawk ta' diversi ittri bonarji u l-imghaxijiet legali.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011.

Ra li l-Kunsill Lokali Konvenut, debitament notifikat, ipprezenta risposta nhar it-3 ta' Novembru 2011 li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talba attrici tinsab ikkontestata bhala infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont tad-danni huwa kkontestat;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'mod preliminari, li l-eccipjenti mhuwiex legittimu kuntradditur f'din it-tilwima u ghandu jigi liberat mill-osserva tal-gudizzju bl-ispejjez;

4. Illi l-eccipjenti kien gab tali fatt a formali konjizzjoni tal-Attur permezz ta' ittra tad-9 ta' Gunju 2011, permezz ta' liema l-Attur kien gie dirett jindirizza t-talbiet tieghu lejn

is-socjeta Dimbros Limited bhala l-kuntrattur li kien qieghed jesegwixxi x-xogholijiet;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra li fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011, il-kawza thalliet ghall-provi fuq l-eccezzjoni preliminari ossia dik tal-legittimu kuntradittur;

Ra li fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2012, il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari;

Ra r-rikors tal-Kunsill Lokali Konvenut tat-13 ta' Lulju 2012 (a fol 37) fejn talab li t-terz indikat fl-eccezzjonijiet tieghu jigi notifikat bl-atti, kif ukoll ra r-risposta ghall-istess rikors (a fol 39);

Ra r-rikors tal-Kunsill Lokali Konvenut tat-23 ta' Awissu 2012 (a fol 43) fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza fil-waqt li t-terz indikat fl-eccezzjonijiet tieghu jigi notifikat bl-atti, kif ukoll ra r-risposta ghall-istess rikors (a fol 49);

Ra s-sentenza parzjali tal-10 ta' Jannar 2013 (a fol 54) li permezz taghha t-Tribunal, prevja li cahad iz-zewg rikorsi appena msemmija, cahad l-eccezzjoni preliminari u cjoe dik tal-legittimu kuntradittur u ordna l-prosegwiment tal-kawza;

Ra li fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2013, il-Kunsill Lokali Konvenut talab il-kjamata in kawza tas-socjeta Dimbros Limited;

Ra li fl-istess seduta tad-29 ta' Jannar 2013, l-Attur talab li l-ammont tat-talba jigi awmentat bis-somma ta' mija u sitt euro (€106);

Ra d-digriet tat-Tribunal tal-14 ta' Frar 2013 (a fol 68) li permezz tieghu it-Tribunal cahad it-talba ghall-kjamata in kawza maghmula mill-Kunsill Lokali Konvenut;

Ra d-digriet tat-Tribunal tal-14 ta' Frar 2013 (a fol 70) li permezz tieghu it-Tribunal cahad it-talba ghall-awment tas-somma rekalata mill-Attur;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza, l-Attur qieghed jitlob risarciment tad-danni li allegatament sofra minhabba xogholijiet li kienu qeghdin isiru gewwa l-lokalita ta' San Gwann. Tenut kont tal-fatt li l-eccezzjonijiet preliminari ormai gew sorvolati, dan it-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg eccezzjonijiet u cjoe wahda fil-mertu u ohra dwar il-*quantum* tad-danni reklamati;

Ikkunsidra;

Illi sabiex isib tarf tal-odjerna vertenza, it-Tribunal sejjer qabel xejn jghaddi sabiex iqis jekk tirrizultax xi responsabbilita da parti tal-Kunsill Lokali Konvenut;

Illi mix-xhieda tal-Attur (a fol 24) jidher li l-incident li ta lok ghall-odjerna kawza gara billi huwa u jsuq mit-triq fejn sehh l-incident ghall-habta tad-9pm waqa' bil-karozza go hofra li kien hemm f'din it-triq. Jghid li kellu jbiddel *tyre* u kellu jsuq il-vettura bil-mod lejn id-dar. Jghid li indirizza lill-Kunsill Lokali Konvenut sabiex jirraporta l-akkadut. Jghid li ghad li mill-Kunsill kienu tawh pjanta minn fejn jirrizulta li t-triq *de quo* taqa' taht ir-responsabbilita tal-Kunsill Lokali Konvenut, dawn ma tawhx sodisfazzjon dwar l-incident. Jghid li fir-rigward tal-hofra la kien hemm pjanci, la dwal u anqas sinjali. Din is-sitwazzjoni damet hamest ijiem. Jghid li hu ma rceviex korrispondenza minghand il-Kunsill Lokali Konvenut fejn dawn iddirigewh jiehu passi kontra l-kuntrattur. Meta rega' xehed (a fol 60), l-Attur stqarr li meta waqa' fil-hofra, inqasam it-*tyre* tal-vettura. Jghid li biddel ir-rota imma l-karozza bdiet timxi lagenba. Hu ghalhekk saq minn fuq il-post bil-mod;

Meta xehed is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Konvenut, Kurt Guillaumier (a fol 14) dan stqarr li kienu qeghdin isiru xi xogholijiet da parti tas-socjeta Dimbros Limited f'parti minn Triq San Giljan li taqa' taht ir-responsabbilita tal-Kunsill Lokali Konvenut. Huwa kkonferma li fil-gurnata tal-incident, is-socjeta imsemmija kienet qed taghmel *patching works* fit-triq in kwistjoni. Etienne Bonello DuPuis, Sindku ta' San Gwann, xehed (a fol 75) u stqarr li t-triq *de quo* hija wahda mit-toroq ewlenin li twassal ghall-Isptar Mater Dei. Jghid li t-triq in kwistjoni hija mdawwla adegwatament. Jghid li x-xoghol kellu jikkonsisti filli jitnehhew zewg pulzieri mill-wicc tat-triq u wiehed jifhem li l-wicc kellu jerga' jinghata. Jghid li ma vverifikax ix-xogholijiet. Ikkonferma li x-xoghol thalla mil-lum ghall-ghada. Dwar mizuri ta' prevenzjoni ta' incidenti, is-Sindku jirrepeti dak li nghad lilu u jikkonferma li l-kuntrattur qallu li kien ghamel il-*barriers*. Meta rega' xehed Guillaumier (a fol 77) dan, fil-parti l-kbira kkonferma dak li xehed is-Sindku;

Ludwig Dimech xehed (a fol 89) u stqarr li hu kien direttur ta' Dimbros Limited. Jghid li ma jafx li kien hemm xoghol f'San Gwann u jghid li ried johrog mill-kumpannija. Mill-banda 'l ohra, Josephine Dimech xehdet (a fol 100) li hi direttur ta' Dimbros Limited. ikkonfermat li f'April 2011 kienu qeghdin jaghmlu xogholijiet gewwa Triq San Giljan. Tghid li x-xoghol kien jikkonsisti f'*extensive scarifying* jigifieri t-tqaxxir tat-triq ghal madwar erba' pulzieri biex imbaghad jerga' jintela'. Hija kkonfermat li fuq is-sit *de quo* kien hemm il-*barriers*. Tghid li hu stramb li karozza titkisser f'erba' pulzieri. In vista tal-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2016, it-Tribunal qed jiehu f'kunsiderazzjoni d-diffikultajiet li rriskontra l-Attur sabiex iressaq lil Josephine Dimech biex tixhed in kontro-ezami;

Illi t-Tribunal ra wkoll il-kuntratt li kien hemm bejn il-Kunsill Lokali Konvenut u s-socjeta Dimbros Limited (a fol 33A);

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta ppruvat li f'April 2011 kienu qeghdin isiru xogholijiet mis-socjeta Dimbros Limited fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali Konvenut gewwa Triq San Giljan, San Gwann. Irrizulta li dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'*extensive scarifying* jigifieri t-tqaxxir tat-triq ghal madwar erba' pulzieri biex imbaghad jerga' jintela'. Jirrizulta ppruvat ukoll li x-

xogholijiet thallew mil-lum ghall-ghada. L-Attur qieghed isostni li garrab hsarat meta ghadda minn din it-triq fil-ghaxija bil-vettura tieghu. Il-partijiet mhumiex jaqblu li kien hemm xi prekawzjonijiet bl-Attur jghid li ma kien hemm xejn, ir-rapprezentanta tas-socjeta Dimbros Limited tghid li kien hemm il-*barriers* (ghad li tghid li dawn jistghu jiccaqalqu mal-lejl minn terzi). Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jghidu dak li rriferielhom il-kuntrattur bis-Sindku jinsisti li din hi triq importanti ghaliex tintuza mit-traffiku li jkun sejjer lejn l-Isptar Mater Dei min-naha Tas-Sliema u li t-triq hi adegwatament imdawwla.

L-abbli difensur tal-Attur fit-trattazzjoni tieghu ghamel riferenza ghar-Regolamenti dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq (L.S. 499.57). Issa mill-assjem tal-provi ma jirrizultaw l-ebda prekawzjonijiet ghajr ghal dak li qieghed jigi allegat mill-kuntrattur. Lanqas ma gew prezentati permessi jew kundizzjonijiet ghajr ghall-kuntratt bejn il-Kunsill Lokali Konvenut u l-kuntrattur, liema kuntratt huwa *period contract* u mhux relatat esklussiv max-xogholijiet mertu tal-kawza. Fuq kollox huwa sinifikattiv dak li xehdet Josephine Dimech li skond hi, huwa stramb li karozza ssofri hsarat minhabba *scarifying works* ta' erba' pulzieri. It-Tribunal ma jaqbel xejn ma' din is-sottomissjoni. Fuq kollox huwa rilevanti li l-Attur gie jilmenta fi hsara fir-rota tal-vettura u mhux fi hsara f'xi parti ohra taghha u ghalhekk ix-xhieda tieghu hija verosimili.

Madankollu, irid jigi rilevat li kif sewwa rrileva l-abbli difensur tal-Kunsill Lokali Konvenut, ghad li l-Attur stqarr li meta garrab il-hsara il-karozza bdiet timxi lagenba u saq minn fuq il-post bil-mod, mid-dokumenti li hu pprezenta a fol 63 u 64 jidher li meta l-vettura ttiehdet ghand l-agent fit-28 ta' April 2011, il-kilometragg taghha kien 10369 fil-waqt li meta saru x-xogholijiet il-kilometragg kien 31967. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 61) l-Attur sahaq li l-vettura ma setax isuqha ghad li kkonferma li fil-perjodu saq il-vettura darbtejn mid-dar tieghu ghal ghand l-agent ghat-tiswija u jghid li jista' jkun li meta rredigew id-dokumenti issa in atti, il-funzjonarji tal-agent hadu xi zball. It-Tribunal jifhem li l-Kunsill Lokali Konvenut huwa ferm gustifikat li jqanqal dan id-dubju. Mill-banda 'l ohra, it-Tribunal iqis li tenut kont li mill-istess dokumenti l-vettura giet registrata f'Lulju 2003, mhuwiex verosimili li bejn l-ahhar ta' April 2011 u Settembru 2011 setghu isiru 20,000km aktar u aktar meta l-kilometragg f'April 2011 kien 10369. Ghalhekk it-Tribunal mhuwiex sejjer jaghti piz lil din il-prova;

Fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal iqis li l-Attur irnexxielu jipprova li garrab il-hsara ghal-liema hsara huwa responsabbli l-Kunsill Lokali Konvenut li fuq inkariku tieghu saru x-xogholijiet u li ma gabx prova li ttiehdu xi prekawzjonijiet sufficjenti waqt l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni se tigi michuda;

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-kwistjoni tar-responsabbilita, jibqa' li tigi deciza t-tieni eccezzjoni u cjoe dik li tincidi fuq il-*quantum* tad-danni reklamati.

L-Attur qieghed jghid li d-danni kienu ta' €20 ghal spezzjoni (fol 63) u €700.87 ghat-tiswijiet (fol 64). Fil-mori tal-kawza ghamel talba sabiex izid l-ammont pretiz izda din giet michuda. It-tiswijiet jidher li saru ghand l-agent. Issa fil-kontro-ezami, l-Attur gie mistoqsi ghalfejn ma xtarax *spare parts second hand.* Hu jghid li ma sabx u jsemmi diversi ditti maghrufa ghall-prodotti *second hand* li rrikorra ghandhom izda ma nqediex. Jghid li l-*parts* kellhom jigu ordnati.

It-Tribunal ma jqisx li ghandu jinvestiga oltre l-fatturi li gew esebiti u ghad li ebda rapprezentant tad-ditta li hargithom ma tressaq sabiex jikkonfermahom, iqis li l-proceduri quddiem dan it-Tribunal u partikolarment il-process ta' gbir ta' provi huwa regolat b'regoli li huma ferm anqas rigoruzi minn dawk li japplikaw quddiem il-qrati ordinarji. Fuq kollox, iqis li l-Attur illimita t-talba tieghu ghall-prezz tax-xogholijiet u ma pprovax japprofitta ruhu billi jzid spejjez ohra. Ghalhekk mhemmx lok ghal temperament u t-tieni eccezzjoni se tigi michuda wkoll.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss ma' spejjez, l-Attur qieghed jitlob ukoll l-ispejjez ta' diversi ittri bonarji. It-Tribunal ma jaqbilx sija ghaliex dawn l-ittri ma jirrizultawx mill-process, kif ukoll ghaliex mhemmx tariffa ufficcjali ghalihom u ghalhekk dawn ma jistghux jittiehdu f'kunsiderazzjoni fit-taxxa. Ghalhekk id-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez se tkun limitata biss ghall-ispejjez tal-odjerna kawza.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi, fil-waqt li jastjeni milli jiehu kunsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari u cjoe dik tal-legittimu kuntradittur, stante li deciza b'sentenza ohra, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet, konsegwentement jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Kunsill Lokali Konvenut sabiex ihallas lill-Attur is-somma ta' €720.87 bl-imghax mis-6 ta' Ottubru 2011, data tan-notifika tal-avviz (fol 6). Spejjez ta' din il-kawza jkunu a karigu tal-Kunsill Lokali Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*